# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 19** **Lulju, 1966.**

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

F'ċirkolari maħruġa mill-Kurja fil-15 ta' Ġunju, Mons. Arċisqof b'dieqa ta' qalb ilminta mill-fatt li l-immoralità qed tikber dejjem aktar f'pajjiżna, u qed tieħu xejra pubblika li ma tistax ma tippreokkupax lil kull min għandu għal qalbu r-reliġjon għażiża tagħna.

Jekk dak li qal Mons. Arċisqof jgħodd għal Malta kollha, jgħodd b'mod speċjali għan-naħiet tagħna, li minħabba l-baħar u l-attrazzjonijiet l-oħra li għandhom, qed ikunu xena ta' immoralità pubblika kontinwa, speċjalment fl-ilbies. Hemm bżonn li bħala nsara nifhmu r-responsabbiltà kbira li għandna li ma nkunux bl-imġieba tagħna okkażjoni ta' skandlu għal ħaddieħor. Dan titolbu l-karità nisranija.

Irridu nkunu aħna li nuru d-diżapprovazzjoni tagħna għal ċerti lbies u ċerta mġieba. Bħala parti minn pjan biex tiġi kumbattuta din il-mewġa ta' immoralità sa ssir laqgħa kbira f'Dingli Circus, tas-Sliema, nhar is-Sibt, 9 ta' Lulju fil-11.30 ta' bil-lejl, li tagħlaq b'quddiesa li biha nissodisfaw għall-preċett tal-Ħadd. Nixtieq nagħmlilkom appell speċjali biex tattendu numerużi għal din il-laqgħa, l-ewwelnett biex nirriparaw għal tant offiżi li Ġesù qed jirċievi minn dawn l-abbużi, u t-tieni biex nuru pubblikament id-diżapprovazzjoni tagħna.

Inselli għalikom u nagħtikom il-barka tiegħi.

IL-KAPPILLAN.

**Il-Kappillan jixtieq jgħarraf li sa jiftaħ uffiċċju għalih f'numru 132, Spinola Road. Huwa jkun f'dan l-uffiċċju għal dawk kollha li jixtiequ jkellmuh kull nhar ta' Tnejn mid-9.00 a.m. sa nofs in-nhar u kull nhar ta' Ħamis mill-4.00 p.m. sas-6.00 p.m. Dan qed jagħmlu għax ħass li wħud, min-naħiet ta' hemm fuq, isibu diffikultà meta jkollhom bżonn ikellmuh minħabba d-distanza u t-telgħa.**

## X'SA JKOLLNA F'LULJU

10 ta' Lulju: Il-Griżma tal-Isqof. Is-subien jiltaqgħu ħdejn il-knisja fl-4.15 p.m. Il-bniet fil-5.15 p.m.

17 ta' Lulju: Fiera fil-Balluta għall-Festa ta' San Ġiljan.

## 42 SENA ISQOF

Fl-20 ta' dan ix-xahar l-E.T. Mons. Arċisqof jagħlaq 42 sena minn mindu ġie ikkonsagrat bħala Isqof. Nitolbu għalih biex il-Bambin ikompli jgħinu ħalli jagħraf imexxi l-merħla fdata f'idejh, speċjalment f'dawn iż-żmenijiet diffiċli.

## 75 SENA LI SIRNA PARROĊĊA

Diġà smajtuha. Taħbat fit-8 ta' Settembru, ġimgħa wara l-festa ta' San Ġiljan. Għalhekk xieraq li ngħaqqdu flimkien dawn iż-żewġ okkażjonijiet u nagħmlu festa ftit akbar mis-soltu. U quddiem nagħtukom id-dettalji ta' dak li beħsiebna nagħmlu, anzi jekk xi ħadd ikollu xi suġġeriment, jekk ikun prattikabbli nilqgħuhom bil-qalb kollha. Minn hawn u ftit ieħor nibagħtulkom bħas-soltu l-alborali tal-festa. Nixtieq li tgħinu ftit ruħkom aktar mis-sotu, għax festa akbar tfisser spejjeż aktar. Jiena nafda fuq il-ġenerożità tagħkom.

## LAQGĦA KULL XAHAR GĦALL-INGLIŻI

Ix-xahar l-ieħor kellna l-ewwel laqgħa għall-Ingliżi kattoliċi tal-parroċċa tagħna li saret f'St. Michael's Training College. Kienet suċċess, u għalhekk iddeċidejna li nibqgħu nagħmluha kull xahar, fl-ewwel Tlieta tax-xahar. Jekk tkunu tafu xi Ingliżi kattoliċi għidulhom biex jiġu huma wkoll għal din il-laqgħa.

## NIFIRĦU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

22. 5. 66. Spiridione Triganza (Sliema) ma' Frances Camilleri (San Ġiljan).
8. 6. 66. Terence William David (Cardiff) ma' Ninette Cauchi (San Ġiljan).
11. 6. 66. John Xiberras (San Ġiljan) ma' Doris Borg (San Ġiljan).
18. 6. 66. Anthony Camilleri (Sliema) ma' Mary Farrugia (San Ġiljan).

## MULEJ, AGĦTIHOM IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM

20. 6. 66. Annetta Scicluna (86 sena) ta' 34, Grenfell Street.
22. 6. 66. Maria Gregory (84 sena) ta' 11 Old College Str.

---


# ST. JULIAN'S HALL

**Toffrilek l-irħas prezzijiet u ambjent sabiħ għat-tieġ tiegħek.
Issa, miżbugħa friska, hija verament attraenti.**

**Prezzijiet: Is-Sibt — a.m. £6. - 0. - 0. Il-Ħadd — a.m. £7. - 0. - 0.
p.m. £7. - 0. - 0. p.m. £8. - 0. - 0.**

**Għal kull tagħrif irrikorru għand il-Manager,**

**Mr. Paul Galea, 25, Carmel Str., St. Julian's — (32805)**


"Empire Press"